**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Aron Vella**
**(ID 545584M)**

**Kaz Nru: 183-50**

**Illum, is-7 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Aron Vella**, detentur tal-karta ta' l-identita 545584M imwieled gewwa Pieta' nhar is-6 t'a Ottubru 1984, iben George u Anna nee' Buttigieg u residenti fil-fond bin-numru 31 'Sion', Triq Santa Marija, Tarxien, akkuzat talli nhar it-22 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs) gewwa Tarxien;

1. Ma zammx fil-pussess tieghu u ghaz-zmien kollu li ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa' taht ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u cioe' Red-footed Tortoise, Chelonoidis carbonarius (=Chelonoidis carbonaria) kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari, u dan bi ksur ta' regolament 7 tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);

2. Xtara, offra biex jixtri xi ezemplari bi ksur ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament Principali (Regolament tal-Kunsil (KE) Nru. 338/97 dwar il-Harsien ta' speci ta' fawna u flora selvaggi bili jigi regolat il-kummerc taghhom) u dan peress illi naqas milli jipprova ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dwak il-kampjuni u cioe' Red-footed Tortoise, Chelonoidis carbonarius (Chelonoidis carbonaria), li huma inkluzi f'Anness B, kienu inkisbu u jekk kienu joriginaw minn barra l-Komunita' li kienu gew introdotti fiha, skont il-legislazzjoni fis-sehh dwar il-konservazzjoni ta' fawna u flora salvaggi bi ksur tal-provvedimenti tal-paragrafu 5 tieghu u sussegwentement bi ksur ta' regolament 8 (1) (j) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
3. Naqas milli jzomm fil-pussess tieghu xi permess, certifikat jew licenzja skont il-provvedimenti tar-regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8 (1) (p) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);

Il-Qorti giet mitluba illi barra milli timponi l-piena applikabbli taht ir-regolament 8(2) tal-A.L. 236 tal-2004, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u -iskwalifika miz-zamma jew ksib ta' xi warrant, licenzja, permess jew awtorita' ghal zmien mhux inqas minn sena skont il-provvedimenti t'a regolament 8(4) tal-A.L. 236 tal-2004;

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi fil-kaz li ma jkunx hemm sejbien ta' htija, tordna l-konfiska ta' ezemplari skont il-provvedimenti ta' artikolu 23(3) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti inkluz id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri;

Semghet lix-xhieda jiddeponu.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-qua imputat, l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda zewgt ufficjali tal-Environmental Resources Authority (ERA) – Maria Attard u Stefan Azzopardi. Attard spjegat li hija kienet irceviet korrispondenza minghand il-qua imputat permezz ta' liema kien informa lill-ERA li fit-22 ta' Marzu 2019 kienet ser tasal konsenja permezz tal-katamaran tal-Virtu Ferris ta' animali fosthom zewgt frieken - Chelonoidis carbonarius, it-tnejn protetti taht Annex B tal-EU Wildlife Trade Regulations (EC338/97). Qabel waslet il-konsenja Malta izda waqt li dina kienet fi triqtha lejn Malta, Attard talbet lill-imputat sabiex jipproduci l-import permits. L-unika dokument misjub fir-rigward ta' dawn iz-zewgt frieken kienet invoice li kienet qed takkumpanja konsenja bin-numru 1970048, fl-liema dokument kienet qed issir referenza ghal E00148-147 li ma kiex jirrelata dwar l-imsemmija zewgt ifrieken protetti. Meta l-imputat gie infurmat li dawn riedu jkunu akkumpunjati bl-import permits huwa ghamel kuntatt ma' Raynor Van Asse (li persuna li ghaddietlu l-imsemmija frieken), li baghtlu d-dokumentazzjoni relattiva ghal testuderous fildi izda mhux ghal Chelonoidis carbonarius. Sallum jidher li l-import permits relattivi ghal dawn it-tip ta' frieken ghada ma gietx ipprezentata mill-imputat. Minhabba n-nuqqas tad-dokumentazzjoni, il-frieken gew issekwestrati mill-ERA.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2022 id-difiza dikjarat li ma kelliex provi xi tressaq.

Illi fid-dawl tal-provi mressqa hekk kif hawn fuq spjegat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat. Dan l-ghaliex dawn iz-zewgt imputazzjonijiet jirrigwardjaw il-pussess tar-*red footed tortoise,* ezemplari protetti, li ma kienux akkumpanjati mid-debita dokumentazzjoni dwar l-importazzjoni tal-istess ezemplari skond il-ligi. Madanakollu fil-fehma ta' dina l-Qorti ma jirrizultax sodisfacentament pruvat skond il-ligi li l-qua imputat xtara l-istess zewgt ezemplari. Fil-fatt jekk wiehed jaghmel referenza ghall-frattura ezebieta mix-xhud Maria Attard, minn imkien ma jirrizulta li l-istess ezemplari gew mibjugha lill-qua imputat. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tqis ic-cirkostanzi kollha relatati mal-akkuzi li taghhom ha jinstab hati kif ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-awtoritajiet.

**Decide:**

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 7 u 8(1)(p) tal-Avviz Legali 236 tas-sena 2004 (LS 549,38) qed tillibera lill-imputat, Aron Vella mit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitejn Ewro (Eur. 1200) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tar-regolament 8(4) tal-Avviz Legali 236 tas-sena 2004 u l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna l-konfiska tal-corpus delicti.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur